repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

7 ta' Mejju 2022

Onorevoli,

Fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħek bħala membru tal-Parlament ta' Malta, f'isem Repubblika nawgura li jkollok is-sodisfazzjon li l-ħidma tiegħek twassal biex tibena soċjetà ġusta, fejn il-ġid komuni jkun imħares u promoss, fejn l-abbuż mill-poter ikun miġġieled u fejn jirbaħ is-sewwa.

Nistennew li int tosserva il-ġurament li ħadt illum fil-ħatra tiegħek meta ħlift li twettaq dak li tesiġi minnek il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Din il-kostituzzjoni tgħid li int tkun rappreżentant tagħna lkoll, tal-poplu Malti kollu. Bħala Membru Parlamentari, int m'intix rapprezentant ta' partit politiku, lanqas int rappreżentant tal-Gvern u wisq anqas ta' xi interess privat illegali.

Nistennew ukoll li tosserva l-ġurament li ħadt li żżomm il-Gvern taħt skrutinju kontinwu u li l-interess pubbliku jkun l-ogħla gwida tiegħek, ogħla saħansitra mill-partit politiku tiegħek.

Insellu għalik u nwiegħduk l-appoġġ sħiħ tagħna meta taħdem għall-ġustizzja u s-sewwa.

**Dr Robert Aquilina**
President

29, Pjazza tal-Knisja, Mqabba MQB1011
contact@repubblika.org